To insert amendments.

(2)

ANNESS

ATT TA' L-1983 DWAR AREI GĦALL-IŻVILUPP TAL-BINI

Policy għall-finijiet ta' l-artikolu 14

Awtorizzazzjoni mill-Ministru tax-Xogħlijiet biex jinbena bini fuq art sitwata barra Area għall-Iżvilupp tal-Bini skond l-artikolu 14 ta' l-Att ta' l-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att") tingħata biss fil-każijiet li ġejjin:-

A. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (a) ta' l-artikolu 14

Fejn il-bini li jittella' jkun fuq art li fl-14 ta' Frar 1983 kienet tikkwalifika bħala art għall-bini:

Iżda fejn l-art li fuqha jkun ser jittella' l-bini tkun imbegħda minn dranaġġ pubbliku b'aktar minn 100 metru, jew fejn is-sit ikun aktar baxx mill-"invert level" tad-dranaġġ pubbliku, l-applikant irid iwassal id-dranaġġ sas-sit bi spejjeż tiegħu;

Iżda wkoll li għandha titħalla faxxa ħadra ta' mitt metru mal-ġemb u f'tul it-triq għall-fond ta' kull art li fl-14 ta' Frar 1983 kienet tikkwalifika bħala art għall-bini minħabba li kienet qegħda f'distanza ta' mhux iżjed minn 100 jarda (91.44 metri) minn area mibnija, u ebda permess ma għandu jingħata taħt dan il-paragrafu biex jittella bini fuq dawk il-faxxex ħodor.

B. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (b) ta' l-artikolu 14

Fejn il-bini li jittella jkun imbiegħed minn art għall- bini u minn post ta' abitazzjoni b'mhux inqas minn 100 metru, u :-

(1) Is-servizz ta' l-ilma u elettriku jkunu jeżistu fuq is-sit jew jitwasslu fuqu bi spejjeż ta' l-applikant.

(2) Is-sit irid ikollu id-dranaġġ pubbliku mwassal bi spejjeż ta' l-applikant jew l-applikant jistalla tank settiku bi spejjeż tiegħu.

(3) Is-sit għandu faċċata ta' mhux anqas minn 4 metri fuq ~~triq, sqaq jew mogħdija~~ jew sqaq eżistenti, u jkun ta' kejl superfiċjali ta' mhux anqas minn erbat itmien (.4496 ha) u li l-partijiet tas-sit li ma jinbnewx jibqgħu jiġu miżrugħa u kkultivati mill-applikant.

(4) Il-bini li jittella' ma jkunx għoli aktar minn żewġ sulari mil-livell ta' l-aktar parti għolja f'dik il-parti tas-sit fejn se jittella' l-bini.

(5) Il-bini li jittella ma jkunx jista' jakkomoda aktar minn żewġ familji.

Ċ. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 14

1. Bini ndustrjali

(a) F'arei ddikjarati li huma maħsuba għal żvilupp industrjali mill-Ministru. Dawn l-arei għandhom ikunu murija fuq pjanti li jitqiegħdu mill-Ministru fuq il-Mejda tal-Kamra.

(b) Fuq siti ta' kejl superfiċjali ta' mhux anqas minn tomna (.1124 ha) b'dana illi l-bini li jittella' ikun imbiegħed minn area mibnija b'mhux anqas minn 200 metru u li dana l-bini jkun imdawwar bis-siġar.

2. Bini Agrikolu

Fejn is-sit ikun barra minn area għall-ilqugħ ta' l-ilma u jkun imbiegħed mill-anqas b'200 metru minn Area għall-Iżvilupp tal-Bini jew minn area abitata;

B'dana illi l-applikant ikun obbligat li jħares kull kundizzjoni li tista' tiġi magħmula minn żmien għal żmien mill-Ministru responsabbli għall-biedja.

3. Kummerċjali

L-ebda permess ma jingħata biex jittella' bini li jipprovdu akkomodazzjoni għat-turisti.

Permessi biex jittella' bini li jipprovdi servizzi oħra għal industrja tat-Turiżmu huma limitati għal:-

(a) dawk l-arei li diġa' bdew jiġu żviluppati f'dan il-mod; u

(b) siti ta' kejl superfiċjali ta' mhux anqas minn tomna (.1124 ha) b'dana illi l-bini li jittella' jkun imbiegħed minn area mibnija b'mhux anqas minn 200 metru u li dana l-bini jkun mdawwar bis-siġar.

4. Bini għal użu reliġjuż, kulturali jew filantropiku

Permessi jingħataw biss fejn fil-fehma tal-Ministru id-domanda u l-utilita' għal dan il-bini fil-lokal fejn tkun qed issir it-talba, ikunu jeżistu.

D. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (d) ta' l-artikolu 14

Fejn l-estensjoni ma tkabbarx il-kejl superfiċjali ta' l-art okkupata b'bini għal aktar minn 500 $m^2$, jew b'aktar minn 60% tal-bini oriġinali, liema minn dawn ikun l-anqas, u l-bini kif estis ikun jaqbel ma' l-użu ta' l-art fl-inħawi:

B'dana li l-għoli tal-bini kif estis ma jkunx aktar għoli mill-bini l-ieħor fl-inħawi.
Dan il-bini ma jkunx jista' jakkomoda aktar minn żewġ familji.

E. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (e) ta' l-artikolu 14

Fejn il-bini li jittella' ma jkunx jokkupa art ta' kejl superfiċjali akbar minn dak okkupat mill-bini oriġinali, u l-bini l-ġdid ikun jaqbel ma' l-użu li jkun qed isir mill-art fl-inħawi, u li l-bini ġdid ma jkunx aktar għoli mill-bini l-ieħor fl-inħawi.
Dan il-bini ma jkunx jista' jakkomoda aktar minn żewġ familji.

5/.....

F. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (f) ta' l-artikolu 14

Meta l-bini jkun se jinbena fuq art b'faċċata fuq triq u li tkun bejn bini eżistenti u ieħor fuq l-istess faċċata tat-triq u li ma jkunux imbegħda minn xulxin b'aktar minn għoxrin metru, jew bejn bini eżistenti fuq l-istess faċċata tat-trieq u l-kantuniera ta' l-istess trieq u bejn dak il-bini eżistenti u l-kantuniera ma jkunx hemm distanza aktar minn ħmistax-il metru.

ĠENERALI

Ebda persuna ma għandha tingħata permess biex ttella' bini f'inħawi ta' sbuħija naturali ġo widien u fuq għoljiet u xtajtiet.

iz